MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tas-16 ta' Settembru, 2020**

Rikors Maħluf Numru 284/2015 LM

**Joseph Mallia (K.I. Numru 192662M) bħala rappreżentant ġuridiku tas-soċjetà Lloyd's Malta Limited (C 24284) bis-saħħa ta' *Board Resolution* datata 30 ta' Lulju, 1999 u din in rappreżentanza ta' Kiln (Syndicate Number 510), Novae (Syndicate Number 2007), Atrium (Syndicate Number 609), u Hardy (Syndicate Number 382) li huma assigurati fis-suq ta' Lloyd's ta' Londra kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Annelise Cilia (bil-Karta tal-Identità Numru 262376M)**

***vs.***

**1. Magda Magri Naudi bħala Sindku u Georgette Borg bħala Segretarju Amministrattiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, u permezz ta' digriet mogħti fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2019 assumew l-atti minflokhom Anthony Dalli u Pamela Borg bħala Sindku u bħala Segretarju Amministrattiv rispettivament u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija;**
**2. Perit John Rizzo Naudi;**
**3. Polidano Brothers Limited (C 8884)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-25 ta' Marzu, 2015 mill-attur nomine **Joseph Mallia (K.I. Numru 192662M), bħala rappreżentant ġuridiku tas-soċjetà Lloyd's Malta Limited (C 24284) bis-saħħa ta' *Board Resolution* datata 30 ta' Lulju, 1999 u din in rappreżentanza ta' Kiln (Syndicate Number 510), Novae (Syndicate Number 2007), Atrium (Syndicate Number 609), u Hardy (Syndicate Number 382) li huma assigurati fis-suq ta' Lloyd's ta' Londra kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Annelise Cilia (K.I. Numru 262376M)** (minn issa 'l quddiem "l-attur nomine"), u maħluf minn Joseph Mallia nnifsu (K.I. Numru 192662M), li jgħid kif ġej:

1. *Illi Annelise Cilia kienet talbet u ottjeniet mingħand ir-rikorrent nomine polza t'assigurazzjoni bin-numru P1002157 (kopja hawn annessa bħala Dok. 'A') li kienet tkopri l-fond residenzjali tagħha 4, Sqaq Numru 4, Triq Sant'Antnin, Balzan kif ukoll il-mobbli, mobilja u kontenut intier tal-imsemmi fond.*
2. *Illi fit-3 ta' Settembru, 2012 l-imsemmija Annelise Cilia sofriet danni ammontanti, in total, għas-somma ta' €17,161 b'riżultat ta' ingress eċċessiv ta' ilma li kien kaġonat minn xogħlijiet li kienu saru fit-toroq tal-viċinanzi mis-soċjetà intimata Polidano Brothers Limited fuq inkarigu tal-intimat Kunsill Lokali ta' Ħal Lija taħt is-sorveljanza u superviżjoni tal-intimat Perit John Rizzo Naudi, liema xogħlijiet wasslu biex l-iskular tal-ilma mit-toroq tal-viċinanzi jiġi ddevjat u/jew imxaqleb lejn il-fond residenzjali tal-imsemmija Annelise Cilia mingħajr ma ttieħdu ebda prekawzjonijiet sabiex dan ma jseħħx.*
3. *Illi r-rikorrent nomine ħallas lill-imsemmija Annelise Cilia l-imsemmija somma ta' sbatax-il elf, mija u wieħed u sittin euro (€17,161) rappreżentanti d-danni kollha li kienu ġew minnha sofferti (liema danni r-rikorrent ħa kull miżura meħtieġa biex jiġu minimizzati kemm jista' jkun) u l-istess Annelise Cilia kienet iffirmat is-Surroga (li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa bħala Dok. 'B') a favur tar-rikorrent nomine.*
4. *Illi r-rikorrent nomine kien inkariga lil James Magri (L.A. Services) bħala* surveyor *u nkorra s-somma ta' elf, tliet mija u erbgħa u għoxrin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,324.97) bħala* survey fees *u* loss adjusting fees.

5. *Illi għalhekk l-ammont globali soffert mir-rikorrent nomine in linea ta' danni huwa ta' tmintax-il elf erba' mija u ħamsa u tmenin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€18,485.97) konsistenti, in kwantu għas-somma ta' sbatax-il elf, mija u wieħed u sittin euro (€17,161) rappreżentanti d-danni riżarċiti lill-imsemmija Annelise Cilia taħt il-polza tal-assigurazzjoni fuq imsemmija flimkien mas-somma ta' elf, tliet mija u erbgħa u għoxrin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,324.97) rappreżentanti* survey fees *u* loss adjusting fees *imħallsa mir-rikorrent nomine relattivament għal dan il-każ.*
6. *Illi l-intimati ġew debitament interpellati permezz ta' Ittra Uffiċjali Numru 2586/14 datata 21 t'Awwissu 2014, liema Ittra Uffiċjali ġiet debitament lilhom notifikata, sabiex iħallsu l-imsemmi ammont iżda l-intimati baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:-*

(i) *Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimati, huma jew min minnhom, għandhom iħallsu lir-rikorrent nomine s-somma ta' tmintax-il elf erba' mija u ħamsa u tmenin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€18,485.97) konsistenti, in kwantu għas-somma ta' sbatax-il elf, mija u wieħed u sittin euro (€17,161) rappreżentanti d-danni eżerċitati lill-imsemmija Annelise Cilia taħt il-polza tal-assigurazzjoni fuq imsemmija flimkien mas-somma ta' elf, tliet mija u erbgħa u għoxrin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,324.97) rappreżentanti* survey fees *u* loss adjusting fees *imħallsa mir-rikorrent nomine relattivament għal dan il-każ, u dan għar-raġunijiet fuq premessi; u*

(ii) *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex iħallsu lir-rikorrent nomine l-imsemmija somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u ħamsa u tmenin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€18,485.97).*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali, in kwantu fuq is-somma ta' €17,161 mid-19 ta' Jannar 2014 u ċioe d-data tas-surroga mogħtija minn Annelise Cilia u in kwantu fuq is-somma ta' €1,324.97 mill-14 ta' Lulju, 2013 u ċioe d-data tal-*invoice *għas-*survey fees *u* loss adjusting fees."

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà **Polidano Brothers Limited** (C 8884) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), ippreżentata fl-4 ta' Mejju, 2015, li permezz tagħha Charles Polidano (K.I. 506259M)**,** bħala direttur u għan-nom tal-istess soċjetà konvenuta eċċepixxa:

1) *Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi hija nulla stante li Joseph Mallia bħala rappreżentant ġuridiku tas-soċjetà Lloyd's Malta Limited qatt ma seta' jipproponi din l-azzjoni peress illi s-surroga fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Annelise Cilia saret a favur ta' Millenium Insurance Agency Limited u mhux ta' Lloyd's Malta Ltd.;*
2) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà in kwantu li talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*
3) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ix-xogħol esegwit mis-soċjetà intimata saru taħt is-superviżjoni tal-Perit tal-Kunsill ta' Ħal Lija, il-Perit Rizzo Naudi, liema xogħlijiet dejjem ġew iċċertifikati mill-istess perit;*
4) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost,* dato ma non concesso *illi Annelise Cilia sofriet xi danni, dan kien riżultat ta' forza maġġuri riżultat tal-maltempata li ħakmet lil Malta, fejn fit-3 ta' Settembru 2012 biss ġie mkejjel 42.4mm ta' xita;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-liġi.*

Rat id-Dikjarazzjoni Ġuramentata ta' Charles Polidano (K.I. Numru 50659M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà **Polidano Brothers Limited** (C 8884), li permezz tagħha ġie dikjarat illi:

1. *Illi s-soċjetà esponenti kienet rebħet* tender *sabiex tagħmel ix-xogħlijiet imsemmija mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija;*
2. *Illi s-soċjetà esponenti dejjem esegwiet ix-xogħlijiet taħt id-direttivi u l-istruzzjonijiet mogħtija mill-perit tal-Kunsill Lokali;*
3. *Illi x-xogħlijiet saru fid-dati hekk kif stipulati mill-Kunsill Lokali;*
4. *Illi s-soċjetà esponenti la kienet involuta fid-disinjar tax-xogħlijiet u lanqas fil-programm ta' esekuzzjoni;*
5. *Illi x-xogħlijiet saru mis-soċjetà esponenti hekk kif mitluba mill-Kunsill u jew il-Perit imqabbad minnu hekk kif titlob is-sengħa u l-arti;*
6. *Illi dakinhar tat-2 ta' Settembru 2012 u 3 ta' Settembru 2012 kien maltemp kbir.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Magda Magri Naudi (K.I. Numru 583348M) bħala Sindku u ta' Georgette Borg (K.I. Numru 91057M) bħala Segretarju Amministrattiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija,** (minn issa 'l quddiem "il-Kunsill konvenut") ippreżentata fit-30 ta' April, 2015, li permezz tagħha Magda Magri Naudi (K.I. Numru 583348M) u Georgette Borg (K.I. 91057M) fil-kapaċitajiet rappreżentattivi tagħhom tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija eċċepew:

*Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra r-rikorrent nomine għas-segwenti raġunijiet:*

***Eċċezzjonijiet:***

1. *Illi, preliminarjament, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija intimat mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni stante illi huwa ma hux responsabbli għal dak allegat mir-rikorrent nomine;*
2. *Illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-Kunsill Lokali eċċipjenti mhux responsabbli versu l-attur, u dan stante illi, inter alia:*
   (i) *Ma kkommetta ebda nuqqas fil-konfront tar-rikorrent nomine;*
   (ii) *Illi mhuwiex minnu dak li jallega r-rikorrent nomine li tali xogħlijiet wasslu biex "l-iskular tal-ilma mit-toroq tal-viċinanzi jiġi ddevjat u/jew imxaqleb lejn il-fond residenzjali tal-imsemmija Annelise Cilia mingħajr ma ttieħdu ebda prekawzjonijiet sabiex dan ma jseħħx";*[1]
   (iii) *Meta saru r-*resurfacing works, *il-livelli kollha tal-*junction *bejn Triq Annibale Preca, Triq San Anton u Triq il-Kbira ma ntmessux u baqgħu mhux mittiefsa u fl-istat li kienu fih;*
   (iv) *Ix-xogħlijiet relatati ma'* resurfacing *ta'* Phase 1 *tal-proġett kienu kkompletati f'Novembru, 2011, u ċioe ħdax-il xahar qabel ma kien irrappurtat l-inċident ta' għargħar li seħħ fit-3 ta' Settembru, 2012!*
   (v) *Matul dawn il-ħdax-il xahar qabel ma kien irrappurtat l-allegat inċident ta'* flooding *li seħħ fit-3 ta' Settembru, 2012, din l-istess triq kienet għaddiet mit-test ta' xita oħra qawwija f'diversi ġranet, b'dan illi ħadd mir-residenti ma rrapporta xi tip ta'* flooding!;

[1] Ara Rikors Promutur, paġna 2, paragrafu 4.

(vi) *Sqaq numru 4 ma għandu l-ebda lqugħ u hu kompletament vulnerabbli għal* flash floods *li jkunu kkawżati minn xita torrenzjali bħal ma ġara dakinhar tal-allegat inċident;*

(vii) *Ma nbidel xejn mil-livelli eżistenti tat-toroq fil-viċinanzi u li allura seta' b'xi mod ikkontribwixxi għal xi għargħar;*

(viii) *Il-livelli ta' Triq San Anton ixaqilbu lejn l-istess sqaq u, apparti dan, volumi ta' ilma li jemanaw minn* areas *li kienu żviluppati dan l-aħħar, bħal Triq Portelli u Triq M. Debono, komplew jikkontribwixxu għar-riskju tal-għargħar;*

(ix) *Sqaq numru 4 hu f'livell aktar baxx minn Triq San Anton u għalhekk f'għargħar ta' din il-kwalità, l-isqaq iservi bħal speċi ta' lenbut u jilqa' fih l-ilmijiet torrenzjali li b'mod naturali ixaqilbu lejn il-proprjetà tas-sinjura Cilia fl-istess sqaq;*

3. *Illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjent Kunsill Lokali mhux responsabbli lejn ir-rikorrent* nomine *u ebda danni ma huma dovuti minnu stante li:*

(i) *Ix-xogħol esegwit sar sewwa, skont l-arti u s-sengħa u kien ilu li tlesta ħdax-il xahar qabel seħħ l-allegat inċident;*

(ii) *Jekk jirriżulta li seħħ verament l-allegat għargħar, dan seħħ konsegwenza ta' kawża estranea u ċioe kawża ta' aċċident jew forza maġġuri u fatti oħra li l-Kunsill Lokali eċċipjenti ma kellux kontroll fuqhom u dan skont artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili;*

(iii) *Meta seħħ l-allegat inċident, u ċioe nhar it-tlieta (3) ta' Settembru, 2012, ix-xita mkejla kienet stmata li kienet ta' aktar minn mija u ħamsa u għoxrin millimetru (125mm), u liema xita ma kienet xejn normali u kien effett ta' hekk li seta' seħħ l-allegat għargħar istantanju;*

(iv) *Il-volum ta' ilma fi Triq San Anton, riżultat tax-xita torrenzjali li niżlet, issarraf f'għoli fil-livell tal-ilma f'din it-triq u allura seta' kkawża l-allegat għargħar;*

(v) *Mill-mod kif qegħdin il-livelli f'din it-triq, volumi kbar ta' ilma setgħu niżlu direttament lejn l-isqaq u per konsegwenza kkawżaw għargħar fi proprjetajiet li qegħdin aktar fil-baxx bħal ma tinstab il-proprjetà mertu ta' din il-kawża;*

(vi) *Il-Kunsill Lokali intimat ma kkontribwixxiex għall-ħsara allegata u għall-allegati danni konsegwenzjali, liema ħsara kienet ikkaġunata unikament minħabba avveniment insolitu, sproporzjonat u prodott mill-forzi tan-natura, u liema avveniment ma setax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja ta'*

bonus pater familias *meta wieħed iqis ukoll li l-isqaq numru 4 jinsab f'livell aktar baxx;*

4. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-kawża fil-konfront tal-Kunsill Lokali intimat saret inutilment u hi, bir-rispett, vessatorja, dan ukoll tenut kont li r-rikorrent nomine ma sofra ebda danni li jistgħu b'xi mod jiġu attribwiti lill-istess Kunsill intimat u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*
5. *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-Kunsill Lokali eċċipjenti jirrespinġi, u jiċħad, bil-qawwa kollha, l-allegazzjonijiet li danni ġew sofferti stante d-dħul eċċessiv ta' ilma u li l-istess kien ikkaġunat minħabba xogħlijiet li saru fit-toroq tal-viċinanzi mis-soċjetà intimata Polidano Brothers Limited fuq inkarigu tal-esponent, u liema xogħlijiet saru taħt is-sorveljanza tal-intimat Perit John Rizzo Naudi. U kwindi jekk hemm xi nuqqas dan tirrispondi għalih is-soċjetà intimata Polidano Brothers Limited;*
6. *Illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, id-danni pretiżi huma eċċessivi;*
7. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Il-konvenut **il-Perit John Rizzo Naudi** ma daħħal l-ebda risposta maħlufa u f'dawn il-proċeduri baqa' kontumaċi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Ġunju, 2020, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza, li qiegħda tingħata llum.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet kollha għajr il-konvenut il-Perit John Rizzo Naudi.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur nomine qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli u għandhom iħallsu lill-attur nomine s-somma totali ta' tmintax-il elf, erba' mija u ħamsa u tmenin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€18,485.97), rappreżentanti danni riżarċiti lill-assigurata tiegħu Annelise Cilia kif ukoll ħlasijiet li saru lil terzi fir-rigward ta' *survey fees* u *loss adjusting fees.* Annelise Cilia kellha polza tal-assigurazzjoni fuq il-fond residenzjali tagħha bin-numru 4, ġewwa Sqaq numru 4, Triq Sant' Antnin, Balzan, liema polza kienet tkopri l-mobbli, il-mobilja u l-kontenut intier tal-fond. L-attur nomine jgħid li fit-3 ta' Settembru, 2012, Annelise Cilia sofriet danni fl-ammont ta' sbatax-il elf, mija u wieħed u sittin Euro (€17,161) minħabba ingress eċċessiv ta' ilma fil-proprjetà tagħha, ikkaġunat minn xogħlijiet li saru fit-toroq tal-inħawi mis-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited, fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, u dan taħt is-superviżjoni u sorveljanza tal-Perit John Rizzo Naudi. L-attur nomine jgħid li minkejja li l-assigurata tiegħu kienet ilha tgħix fir-residenza tagħha diversi snin, kien biss in segwitu għal dawn ix-xogħlijiet li din sofriet minn ingress ta' ilma fir-residenza tagħha, u dan kien dovut għall-fatt li l-konvenuti ma ħadux il-prekawzjonijiet neċessarji fix-xogħlijiet li għamlu. L-attur nomine jsostni li l-ingress tal-ilma fir-residenza tal-assigurata tiegħu kien seħħ għaliex il-livelli tat-toroq fil-madwar ma baqgħux l-istess, kif ukoll għax bix-xogħol li sar kien hemm xi *culverts* li kienu jilqgħu ħafna mill-ilma tax-xita, li ma ġewx rimpjazzati, bir-riżultat li l-ilma li qabel kien jinġabar fil-ġwiebi, beda jinżel lejn ir-residenzi tal-madwar.

Is-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited eċċepiet preliminarjament li din l-azzjoni hija nulla minħabba li Joseph Mallia bħala rappreżentant ġuridiku

ta' Lloyd's qatt ma seta' jipproponi din l-azzjoni hu, u dan peress li s-surroga fid-drittijiet ta' Annelise Cilia saret favur Millenium Insurance Agency Limited, u mhux favur Lloyd's Malta Limited. Ġie eċċepit ukoll li fil-mertu dawn it-talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li dan ix-xogħol sar taħt is-superviżjoni tal-Perit John Rizzo Naudi, il-perit tal-kunsill konvenut, u li x-xogħol kollu li sar kien iċċertifikat minn dan il-perit. Is-soċjetà konvenuta żiedet tgħid li d-danni sofferti huma riżultat ta' forza maġġuri, fejn fi ftit sigħat tkejlet ammont ta' xita li hija aktar min-normal għall-gżejjer Maltin. Is-soċjetà konvenuta spjegat li hija kienet ipparteċipat f'sejħa għall-offerti sabiex tagħmel dawn ix-xogħlijiet, liema sejħa għall-offerti ġiet aġġudikata lilha. Qalet li hija dejjem eżegwiet ix-xogħlijiet taħt id-direzzjoni tal-imsemmi Perit, u li hija ma kinitx involuta la fid-disinn u lanqas fil-programm tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet.

Il-Kunsill konvenut eċċepixxa li t-talbiet tal-attur nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li huwa mhux il-leġittimu kontradittur u mhux responsabbli għal dak allegat fir-rikors promutur. Ġie eċċepit li l-Kunsill konvenut ma kkommetta l-ebda nuqqas fil-konfront tal-attur nomine, u li mhux minnu li kienu x-xogħlijiet inkwistjoni li wasslu għall-iskular ta' ilma mit-toroq tal-viċin lejn ir-residenza tal-assigurata tal-attur nomine. Il-Kunsill konvenut eċċepixxa li l-livelli tat-toroq tal-madwar tħallew l-istess, u li l-ewwel fażi tax-xogħol ta' *resurfacing* kienet ilha lesta minn Novembru tal-2011. Intqal li matul dan il-perijodu sakemm seħħ l-ingress tal-ilma fir-residenza ta' Annelise Cilia , kien hemm diversi episodji ta' xita qawwija, li iżda ma kkawżaw l-ebda ħsarat. Il-Kunsill konvenut qal ukoll li l-isqaq partikolari fejn tgħix Annelise Cilia huwa espost u m'għandu l-ebda lqugħ. Il-Kunsill konvenut żied jgħid li l-ebda danni

mhuma dovuti minnu stante li x-xogħol sar sewwa, skont is-sengħa u l-arti u kien ilu lest madwar ħdax-il xahar qabel seħħ l-inċident inkwistjoni. Żied jgħid huwa m'għandu l-ebda kontroll fuq inċidenti kkawżati minn forza maġġuri u dakinhar li seħħ l-inċident niżlet ammont ta' xita qawwija f'temp qasir ta' żmien. Il-Kunsill konvenut qal li dan kien avveniment insolitu, sproporzjonat u prodott mill-forzi tan-natura, li bl-ebda mod ma seta' jiġi evitat bil-diliġenza ta' *bonus paterfamilias.* Eċċepixxa wkoll li din il-kawża hija waħda vessatorja fil-konfront tiegħu, u f'każ li kien hemm xi nuqqasijiet fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, dawn għandha tirrispondi għalihom is-soċjetà konvenuta.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur, l-attur nomine ppreżenta kopja tal-polza tal-assigurazzjoni ta' Annelise Cilia[2], minn fejn jirriżulta li l-proprjetà bin-numru 2, Sqaq 4, Saint Anthony Street, Balzan, kienet assigurata ma' Millenium Insurance Agency Limited fil-perijodu bejn il-5 ta' April, 2012 u l-4 ta' April, 2013, flimkien ma' kopja tas-surroga mogħtija minn Annelise Cilia[3], fejn ġie dikjarat ukoll li l-istess Annelise Cilia kienet irċeviet is-somma ta' sbatax-il elf, mija u wieħed u sittin Euro (€17,161) bis-saħħa tal-intervent ta' Millenium Insurance Agency Limited ma' diversi sottoskritturi ta' Lloyd's.

Is-soċjetà konvenuta **Polidano Brothers Limited**, ippreżentat kopja tal-kuntratt li kien sar bejnha u l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija[4], wara li hija kienet rebħet *tender* għal xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq ġewwa Ħal Lija.

[2] *A fol.* 6 tal-proċess.
[3] *A fol.* 18 tal-proċess.
[4] *A fol.* 29 tal-proċess.

Ir-rikorrent **Joseph Mallia** fl-*affidavit* tiegħu[5] qal li huwa jokkupa l-kariga ta' *managing director* tas-soċjetà Millenium Insurance Agency Limited, u spjega li bħala *binderholders* ta' diversi assikuraturi jew sindakati ġewwa Lloyd's ta' Londra, għandhom numru ta' *binding authorities* li huma reġistrati mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji. Ix-xhud qal li Annelise Cilia kienet klijenta ta' Millenium Insurance Agency Limited, u kellha polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri l-perijodu bejn il-5 ta' April, 2012 u l-4 ta' April, 2013, li kienet *household insurance* għall-ħsarat fil-bini u l-kontenut mobbli ġewwa d-dar numru 2, Alley 4, Saint Anthony Street, Balzan, għall-valur assigurat ta' €230,000 fuq il-beni immobbli u €72,000 fuq il-mobbli. Ix-xhud qal li l-uffiċċju tiegħu ġie notifikat bil-*claim* ta' Annelise Cilia fit-3 ta' Settembru, 2012, peress li l-proprjetà assigurata kienet sofriet għargħar fil-lejl ta' qabel, u riżultat ta' dan Annelise Cilia kellha ħsarat estensivi fil-proprjetà tagħha, kemm fl-immobbli kif ukoll fl-oġġetti mobbli ta' ġo fiha. Ix-xhud qal li dakinhar stess kien ġie inkarigat James Magri bħala *loss adjuster* jew *surveyor* sabiex jinvestiga l-każ u joħroġ *survey report* dwar iċ-ċirkostanzi u l-kawża tal-ħsarat, u biex jinġabru d-dokumenti kollha u l-istimi tal-ħsarat imġarrba. Ix-xhud qal li mir-rapport li sar irriżulta li l-proprjetà tal-assigurata tinsab fit-tarf ta' sqaq li qiegħed għan-niżla, u waqt maltempata li seħħet fit-3 ta' Settembru, 2012 volum kbir ta' ilma ġie ddevjat lejn dan l-isqaq. Qal li l-faċilitajiet tad-drenaġġ fl-istess triq ma setgħux ilaħħqu mal-volum ta' ilma li niżel, u minħabba f'hekk is-sular t'isfel tal-proprjetà ta' Ms Cilia safa mgħarraq. Ix-xhud spjega li Annelise Cilia kienet ilha tgħix fil-proprjetà tagħha għal madwar seba' snin, u din kienet l-ewwel darba li hija sofriet minn għargħar minħabba l-maltemp. Żied jgħid li fost l-affarijiet li ġratilhom il-ħsara

[5] *A fol.* 71 tal-proċess.

kien hemm *appliances,* għamara, ħitan, kotba u logħob tat-tfal. Ix-xhud qal li meta saret investigazzjoni dwar x'kien li kkaġuna dan l-ingress tal-ilma, ġie stabbilit li ftit taż-żmien qabel kien sar xogħol ħażin fit-toroq 'il fuq minn Triq Sant' Antnin, ġewwa Ħal Balzan, liema xogħlijiet saru mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija permezz tas-soċjetà Polidano Brothers Limited, taħt is-sorveljanza tal-Perit tal-Kunsill tal-konvenut John Rizzo Naudi. Ix-xhud qal li kien konsegwenza ta' xogħol li ma sarx fil-ħin u kawża ta' xogħol ħażin li sar mingħajr ebda prekawzjoni li wasslu għal sitwazzjoni fejn kien hemm skular ta' ilma b'mod goff lejn it-triq fejn hemm il-proprjetà ta' Annelise Cilia. Ix-xhud qal li l-ħsarat kienu estensivi, u għalhekk il-*claim* ħadet tul ta' żmien biex ġiet finalizzata, fejn fl-aħħar ġie deċiż li kellu jitħallas l-ammont ta' sbatax-il elf, mija u wieħed u sittin Euro (€17,161) lil Annelise Cilia għall-ħsarat imġarrba minn fil-proprjetà tagħha, u l-ammont ta' elf, tliet mija u erbgħa u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,324.97) għall-ħlas tas-*survey fees* li tħallsu lil James Magri.

**James Magri** fl-*affidavit* tiegħu[6] qal li huwa jeżerċita l-professjoni ta' *surveyor* u *loss adjuster* u jopera taħt l-isem L.A. Services. Qal li huwa kien ġie inkarigat minn Millenium Insurance Agency Limited sabiex jagħmel *survey* fil-fond 2, Sqaq numru 4, Triq Sant Antnin, Balzan, proprjetà ta' Annelise Cilia, li kienet assigurata ma' assiguraturi ta' Lloyd's ta' Londra. Din il-proprjetà u l-kontenut tagħha kienu ġarrbu ħsarat minħabba maltempata li seħħet fit-3 ta' Settembru, 2012. Ix-xhud qal li in adempiment tal-inkarigu mogħti lilu, huwa kien ħejja żewġ rapporti.[7]

---

[6] *A fol.* 73 tal-proċess.

[7] Esebiti *a fol.* 74 *et seq.* tal-proċess. Is-*surveyor* qal illi "*water came in contact with virtually all the ground floor contents. 5 antique furniture pieces all showing varying degrees of water damage and will need to be restored. A TV unit had swelling throughout and needs to be replaced. There is also water damage to two sofas, card table, curtains and chairs. Numerous*

Waqt l-udjenza tat-28 ta' April, 2016, xehdet **WPC 341 Leanne Farrugia**[8], li ppreżentat kopja tar-rapport li kien sar lill-Pulizija in segwitu għall-għargħar mertu tal-kawża.[9]

Waqt l-udjenza tat-28 ta' April, 2016, xehed **Mark Brincat,** rappreżentant tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili[10], li ppreżenta kopja tar-rapport li kien sar dakinhar tal-inċident, u kkonferma li membri tal-Protezzjoni Ċivili taw l-assistenza tagħhom fil-fond bin-numru 2, Sqaq numru 4, Triq Sant Antnin, Ħal Balzan.[11]

Il-**Kaptan John Borg** xehed waqt l-udjenza tat-28 ta' April, 2016[12], fejn qal li dakinhar li seħħ l-għargħar mertu ta' din il-kawża, huwa kien jaħdem bħala Ajjutant mal-President, u kien jieħu ħsieb l-Uffiċċju tal-President, fosthom il-*grounds* ta' San Anton. Qal li huwa sar jaf li kien seħħ xi għargħar, u dakinhar il-ġonna ta' San Anton sfaw mgħerrqa, filwaqt li wara sar jaf li xi residenti fl-inħawi sofrew ingress ta' ilma fil-proprjetajiet tagħhom.

**Annelise Cilia** fl-*affidavit* tagħha[13] qalet li hija tgħix fid-dar bin-numru 2, Sqaq numru 4, Triq Sant'Antnin, Balzan, flimkien mat-tliet uliedha minuri. Hija qalet li d-dar inxtrat minnha fl-2003. Ix-xhud qalet li fit-3 ta' Settembru, 2012, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu bdiet nieżla xita bil-qliel, u hija niżlet tiċċekkja jekk fis-sular t'isfel tad-dar tagħha kienx kollox sew. Ix-xhud qalet li meta niżlet isfel sabet li kien diġà daħal ħafna ilma mill-bieb ta' barra, u fi ftit ħin il-

*kitchen appliances, domestic electrical goods and electronic equipment all came in contact with water and are to be considered beyond salvage."*

[8] *A fol.* 89 tal-proċess.

[9] Rapport esebit *a fol.* 91 tal-proċess.

[10] *A fol.* 96 tal-proċess.

[11] Kopja tar-rapport *a fol.* 98 tal-proċess.

[12] *A fol.* 100 tal-proċess.

[13] *A fol.* 106 tal-proċess.

livell tal-ilma beda jogħla u kkawżalha *short* fis-sistema tal-elettriku. Ix-xhud qalet li dak il-ħin irċeviet telefonata mingħand waħda mill-ġirien tagħha, li staqsietha jekk kellhiex bżonn xi għajnuna minħabba li l-isqaq biswit il-bieb ta' barra tax-xhud kien mgħarraq bl-ilma li kien dieħel gelgul minn Triq Sant' Antnin. Ix-xhud qalet li d-*drain* ta' taħt l-għatba tal-bieb ta' barra tagħha mhux biss ma bediex ilaħħaq mal-ilma nieżel mill-isqaq, imma kien ġie mblokkat wkoll bid-*debris* li nġarr mix-xita. Qalet li f'ħin minnhom l-ilma madwar il-bieb ta' barra tagħha għola madwar metru, filwaqt li l-ilma fis-sular t'isfel fuq ġewwa tad-dar kien għola madwar żewġ piedi kullimkien, inkluż fil-*pump room* tas-*swimming pool* fir-residenza tagħha. Spjegat kif l-ilma tax-xita beda jitħallat mal-ilma tad-drenaġġ, u ħafna mill-għamara li kellha fid-dar spiċċat iċċaqalqet minn postha u ħafna mill-affarijiet ħarġu mill-armarji fejn kienu u spiċċaw jgħumu fl-art. Ix-xhud qalet li hija sofriet ħafna ħsara fl-għamara u fl-*appliances* tad-dawl tagħha, u dakinhar kellha bżonn l-għajnuna tal-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili sabiex l-ilma ġie ppumpjat 'il barra. Qalet li dakinhar stess hija infurmat b'dak li kien ġara lill-assiguraturi tagħha, iżda s-*surveyor* ma laħaqx mar fuq il-post għaliex aktar tard matul il-ġurnata għamlet maltempata oħra u x-xhud reġgħet sofriet ingress tal-ilma ieħor fid-dar. Ix-xhud spjegat li wara li seħħ dan kollu, hija kienet għamlet rapport fl-għassa ta' Birkirkara, u kienet tkellmet ukoll ma' rappreżentanti tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija wara li residenti oħra fl-inħawi kienu infurmawha li l-ilma minn Triq Annibale Preca ma baqax jinżel lejn Triq il-Kbira kif kien jagħmel qabel, iżda kien beda jdur lejn Triq Sant' Antnin. Ix-xhud qalet li hija kienet ipparteċipat f'laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija fejn minkejja li l-Kunsill m'aċċetta l-ebda responsabbilità għall-akkadut, kien wegħdha li l-kwistjoni kienet ser tiġi investigata. Qalet li wara din il-laqgħa, il-Kunsill Lokali kien poġġa xi xkejjer bir-

ramel biex fid-daħla tal-isqaq numru 4 biex iservu bħala lqugħ għall-ilma. Ix-xhud qalet li fil-bidu ta' Ottubru 2012, kienet saret laqgħa oħra fi Triq Sant' Antnin, Ħal Balzan, li kienet attendiet għaliha flimkien ma' diversi ġirien, u qalet li waqt dik il-laqgħa, il-Perit ta' Transport Malta kien infurmahom li kien hemm bżonn żewġ tipi ta' xogħlijiet, *sleeping policeman* fit-tarf ta' Triq Sant' Antnin, kantuniera ma' Triq Annibale Preca, u Triq il-Kbira biex jinżamm l-ilma milli jidħol fi Triq Sant' Antnin, u r-*resurfacing* ta' Triq Annibale Preca, Ħal Lija. Ix-xhud qalet li x-xogħlijiet imsemmija baqgħu ma nbdewx, u kien għalhekk li hija għamlet kuntatt ma' Transport Malta, fejn ġiet infurmata li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kien għadu m'għamilx applikazzjoni sabiex ikunu jistgħu jinbdew dawn ix-xogħlijiet. Ix-xhud qalet li hija kienet tkellmet mas-Sindku ta' Ħal Lija ta' dak iż-żmien in-Nutar Castaldi Paris, li kien bagħtilha korrispondenza li tindika li x-xogħlijiet fi Triq Annibale Preca ma sarux kif oriġinarjament kellhom isiru[14], u saħansitra kien hemm ilmenti minn persuni oħra qabel seħħ l-għargħar. Qalet li skont din il-korrispondenza, kellhom jitwaħħlu *culverts* fi Triq Annibale Preca qabel jibda l-istaġun tax-xita, iżda fil-verità dawn il-*culverts* twaħħlu biss aktar minn xahar wara li kien seħħ l-għargħar. Qalet li kien f'dan iż-żmien ukoll li kien sar is-*sleeping policeman* fit-tarf ta' Triq Sant' Antnin, kantuniera ma' Triq Annibale Preca. Ix-xhud qalet li hija kienet ilha tgħix is-snin f'din id-dar, u qatt ma kienet esperjenzat ingress ta' ilma qabel it-3 ta' Settembru, 2012, u lanqas wara ma reġgħet esperjenzat ingress ta' ilma fid-dar tagħha, u sostniet li l-ħsarat kollha sofferti minnha huma kawża ta' xogħol negliġenti u difettuż li sar fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija. Ix-xhud qalet li s-soċjetà assiguratriċi tagħha kienet ħallsitha s-somma ta' €17,161 għall-

[14] *A fol.* 109 *et seq.* tal-proċess.

ħsarat li ġarrbet kawża tal-imsemmi għargħar. Ix-xhud esebiet ukoll diversi ritratti sabiex turi l-ħsara sofferta minnha dakinhar tal-maltempata.[15]

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2016, xehdet **Magda Magri Naudi**[16], dak iż-żmien Sindku tal-Kunsill konvenut, li spjegat li x-xogħlijiet li kienu saru qabel seħħ l-għargħar, kienu xogħlijiet li saru permezz ta' *public-private partnership,* fejn il-kuntrattur li ngħata x-xogħol kien is-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited, wara li kienet inħarġet sejħa għall-offerti mill-Kunsill konvenut. Żiedet tgħid li x-xogħol sar taħt is-superviżjoni tal-Perit John Rizzo Naudi, li kien il-Perit tal-Kunsill konvenut u għalhekk dan ma kienx perit li tqabbad b'rabta ma' dan ix-xogħol biss. Ix-xhud qalet li fiż-żmien meta seħħ l-għargħar hija kienet Viċi-Sindku tal-Kunsill konvenut, u wara li seħħet il-maltempata tat-3 ta' Settembru, 2012, il-Kunsill konvenut kien irċieva ittra interpellatorja mingħand Annelise Cilia, li kienet qalet li sofriet ħafna ħsara minħabba x-xogħlijiet li saru mill-Kunsill konvenut. Ix-xhud qalet li x-xogħlijiet kienu saru fi Triq Annibale Prece, Vjal it-Trasfigurazzjoni, u fi Triq in-Nutar Debono.

Permezz ta' nota tal-14 ta' Novembru, 2016[17], il-Kunsill konvenut ippreżenta kopja tar-rapport tal-Perit John Rizzo Naudi[18], kif ukoll kopja tat-*tender document* tal-proġett li sar mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija.[19]

Waqt l-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2017, xehed il-**Perit Philip Grech**[20], li qal li huwa kien ġie inkarigat minn Annelise Cilia sabiex isiru xi xogħlijiet fid-dar

---

[15] *A fol.* 116 *et seq.* tal-proċess.
[16] *A fol.* 134 tal-proċess.
[17] *A fol.* 139 tal-proċess.
[18] *A fol.* 140 *et seq.* tal-proċess.
[19] *A fol.* 176 tal-proċess.
[20] *A fol.* 571 tal-proċess.

tagħha wara ħsarat sofferti minnha kawża ta' għargħar. Ix-xhud qal li d-dar tas-Sinjura Cilia qiegħda fit-tarf ta' sqaq, u dakinhar tal-maltempata inħoloq bħal lembut li ħa l-ilmijiet kollha li kienu ġejjin minn dik il-parti ta' Ħal Balzan u Ħal Lija li tibda minn 'Tal-Mirakli' 'l isfel. Qal li huwa seta' jara l-livelli tal-ilma sa fejn telgħu, u l-pressa tal-ilma kienet sfrundat il-bieb ta' barra. Ix-xhud qal li minkejja li taħt il-bieb ta' barra tar-residenza ta' Cilia hemm sprall, dan ma setax ilaħħaq mal-ilmijiet u kien "fgat" bl-ilma li beda jirċievi. Qal li l-ilma li daħal ġewwa, qasam id-dar, ħareġ mill-bieba ta' wara u beda jimla saħansitra s-*swimming pool.* Ix-xhud qal li huwa kien irrakkomanda li jsiru xi tiswijiet fuq il-post kif ukoll li l-ilma li jgħaddi mit-triq, jiġi ddevjat. Ix-xhud qal li minkejja li dakinhar niżlet xita sostanzjali, huwa deherlu li s-sitwazzjoni kienet aggravata minħabba li kienu għadhom kif saru xi xogħlijiet fl-inħawi mill-Kunsill Lokali jew minn Transport Malta, u l-ilma minflok jinżel minn Triq il-Kbira beda jidħol fil-parti tat-triq li tiġi wara l-ġonna ta' San Anton, fejn mill-ewwel beda jidħol fid-dar ta' Ms. Cilia. Ix-xhud qal li sabiex sitwazzjonijiet bħal dawn ma jiġrux, huwa meħtieġ li jsir ħafna ippjanar minn qabel, u qal li fil-passat l-ilma ma kienx jaqleb minn Triq Annibale Preca għal Triq San Anton, imma konsegwenza tax-xogħlijiet li saru fl-inħawi, it-triq ġiet taqleb biżżejjed biex l-ilma li kien ġej min-naħa ta' fuq, idawwar lejn it-triq fejn hemm ir-residenza ta' Ms Cilia. Ix-xhud qal li huwa ħejja rapport[21] u minn dak li seta' jikkonstata, l-ilma fid-dar ta' Ms Cilia kien tela' sa madwar żewġ piedi.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2017 xehed **Joe Dingli**[22], li joqgħod fid-dar bin-numru 4, Saint Anthony Street, Balzan, li qal li ilu jgħix f'din id-dar mill-

---

[21] *A fol.* 575 et seq. tal-proċess. Fil-fehma tal-Perit, *"in my opinion, it is clear that the effect of the storm was aggravated on the property by the slope of the road, and as there appear to be no provisions for proper stormwater drainage in this upstream catchment, every engineering effort should be made to divert the incident water away from inhabited alleys such as that occupied by Ms. Cilia, and direct it downstream towards Triq il-Kbira."*

[22] *A fol.* 582 tal-proċess.

2004. Qal li dakinhar li seħħet il-maltempata f'Settembru 2012, kuntrarjament għal dak li kien jiġri fi snin preċedenti meta l-ilma kien jinżel minn Triq Annibale Preca lejn Ħal Balzan, l-ilma beda jaqleb lejn Triq Sant' Antnin, lejn id-direzzjoni ta' San Anton. Qal li fil-bidu ta' Triq Sant' Antnin hemm sqaq b'rampa, u għalhekk ħafna mill-ilma li qabel kien jinżel lejn Ħal Balzan beda jidħol lejn Triq Sant' Antnin u f'dan l-isqaq, bil-konsegwenza li l-isqaq imtela bl-ilma. Ix-xhud qal li dakinhar huwa ma sofriex ħsara għaliex fid-dar tiegħu għandu bieb li jagħti għall-ġnien u li qiegħed f'livell aktar baxx mill-kumplament tal-kmamar fid-dar, u għalhekk l-ilma li daħallu baqa' sejjer lejn il-ġnien. Ix-xhud qal li l-kmamar fid-dar ta' Annelise Cilia huma f'livell aktar baxx mill-kmamar fid-dar tiegħu, u dakinhar kellhom jissejħu l-pompi tat-tifi tan-nar sabiex ibattlulha l-ilma mid-dar. Ix-xhud qal li f'ħin minnhom huwa daħal fid-dar ta' Cilia u ra b'għajnejh il-ħsara li din kellha fid-dar tagħha. Ix-xhud qal li kemm kien ilu jgħix fl-akkwati, huwa qatt ma esperjenza għargħar bħal ta' dakinhar, u qal li wara l-akkadut il-Kunsill Lokali kien poġġa xkejjer bir-ramel fil-bidu tal-isqaq biex f'każ li terġa' tagħmel ix-xita r-residenti tal-isqaq ma jerġgħux jegħrqu. Qal ukoll li ftit wara l-għargħar, kienu saru *sleeping policemen,* fuq suġġeriment tiegħu. Ix-xhud qal li minkejja li l-isqaq inkwistjoni jifforma parti mil-lokalità ta' Ħal Balzan, ix-xogħlijiet li kienu saru u li wasslu għall-għargħar kienu saru mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija. Ix-xhud qal ukoll li wara li tpoġġa dan is-*sleeping policeman,* qatt ma reġa' kien hemm problema bl-għargħar fit-triq. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li minkejja li l-maltemp li għamel dakinhar kien intensiv, l-ilma beda nieżel lejn Triq Sant' Antnin biss minħabba li kien inbidel il-qlib fit-toroq li jinsabu aktar 'il fuq.

Il-**Kaptan Philip Apap Bologna** fl-*affidavit* tiegħu[23] qal li huwa jgħix fid-dar bin-numru 8, Triq Sant' Antnin, Ħal Balzan, quddiem l-isqaq fejn tgħix Annelise Cilia. Ix-xhud qal li huwa kien ilu jgħix hemmhekk madwar għaxar snin, u kien jaf li xi żmien qabel kienu saru xogħlijiet viċin fejn hemm il-laboratorju bijoloġiku tal-pjanti f'Ħal Lija. Qal li dakinhar li seħħ l-għargħar, kien hemm kwantità ta' ilma li niżel fl-isqaq fejn toqgħod Annelise Cilia, u huwa seta' jara li dan l-ilma kien għaddej b'qawwa kbira, tant hu hekk li kien beża' joħroġ mid-dar. Ix-xhud qal li l-għada tal-maltempata, hu kien mar fid-dar ta' Ms Cilia sabiex jara jekk kellhiex bżonn xi għajnuna, u kien ra li d-dar tagħha kienet mimlija ilma u ħama, b'ħafna ħsara u affarijiet irrovinati. Qal ukoll li kemm kien ilu jgħix fl-akkwati hu qatt ma ra dak it-tip ta' għargħar, u sostna li l-kawża tal-għargħar kienu x-xogħlijiet li saru fi Triq Annibale Preca. Ix-xhud qal li wara dakinhar sar tip ta' *catchment* ħdejn il-laboratorju bijoloġiku, u sar *sleeping policeman* fl-intersezzjoni viċin il-post magħruf bħala "Three Villages Bar", li għenu sabiex meta tagħmel ix-xita l-ilma jinżel lejn Triq il-Kbira u mhux jiġi ddevjat lejn l-isqaq.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' April, 2017 xehed il-**Perit Joseph Cachia**[24], li qal li huwa jaħdem ma' Polidano Brothers Limited u jieħu ħsieb ċertu xogħlijiet ta' kostruzzjoni u xogħlijiet fuq toroq. Ix-xhud qal li l-inkarigu li kellu fir-rigward ta' dan il-proġett kien li jġib il-permessi meħtieġa, u li jissorvelja x-xogħlijiet li kienu ser isiru. Ix-xhud qal li minkejja li parti minn xogħlu kien jinvolvi li huwa jagħmel superviżjoni tal-proġett, huwa ma kienx ikun *on site* fuq il-proġett il-ħin kollu. Qal ukoll li l-Kunsill Lokali li ordna dawn ix-xogħlijiet kellu l-perit tiegħu li kien jiċċertifika dawn ix-xogħlijiet.

---

[23] *A fol.* 592 tal-proċess.
[24] *A fol.* 593 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' April, 2017 xehed **Ian Farrugia**[25], li qal li jaħdem bħala *foreman* mas-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited, u fir-rigward tax-xogħol ta' *resurfacing* li sar fl-inħawi ta' Triq Annibale Preca, Ħal Lija huwa kien jieħu l-istruzzjonijiet mingħand il-perit tal-kumpannija, il-Perit Joseph Cachia, li qal li kien il-persuna responsabbli mill-proġett. Ix-xhud qal li ta' kuljum huwa kien jitkellem mal-Perit Cachia, li kien jagħti l-istruzzjonijiet, u min-naħa tiegħu huwa kien jeżegwixxi l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mill-Perit. Ix-xhud qal li l-verifiki neċessarji qabel jinbeda proġett saru mill-Perit Cachia, u kien dan il-Perit li ggwidah dwar dak li kellu jagħmel. Qal ukoll li f'ċirkostanzi bħal dawn, fuq is-sit imur ukoll is-*surveyor* tal-Gvern li jitkellem mal-Perit, u l-Perit imbagħad jgħaddi l-istruzzjonijiet neċessarji lill-*foreman.* Ix-xhud qal li huwa ma kienx responsabbli biex jagħmel verifiki dwar l-inħawi kif kienu ser jiġu affettwati bix-xogħol propost, jew jekk fl-inħawi kienx ser ikun hemm xi kambjamenti b'dan il-proġett. Qal li min-naħa tiegħu huwa kien jikkoordina x-xogħol mal-Perit Cachia, u kompla jgħid li meta tlestew ix-xogħlijiet, kien il-Perit Cachia li mar fuq il-post u ċċertifika li x-xogħol li sar kien tajjeb. Ix-xhud qal li ma jafx li wara li tlesta l-proġett kien hemm għargħar fl-inħawi u li kull meta kien javviċinah xi ħadd sabiex ikellmu dwar il-proġett, huwa kien jibgħathom għand il-Perit tas-soċjetà konvenuta.

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2017 reġa' xehed il-**Perit Joseph Cachia**[26], li ppreżenta kopja tal-permess maħruġ minn Transport Malta sabiex seta' jsir ix-xogħol li sar bejn Frar u Marzu 2012.[27] Ix-xhud qal li kien Paul Polidano li kien applika għal dak il-permess, u qal li x-xogħlijiet kienu nbdew fit-2 ta' Frar u spiċċaw fit-22 ta' Marzu, 2012.

[25] *A fol.* 602 tal-proċess.
[26] *A fol.* 618 tal-proċess.
[27] *A fol.* 621 tal-proċess.

Xehed ukoll **Hadrian Cauchi**[28], li qal li huwa jaħdem mas-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited bħala *surveyor,* u minkejja li kien imniżżel bħala *surveyor* fuq il-proġett inkwistjoni, fil-verità hu m'għamel l-ebda xogħol ta' *surveying* minħabba li l-involviment tiegħu ma kienx meħtieġ. Ix-xhud qal li f'dan il-każ, inżamm l-istess livell tat-triq li kien hemm qabel saru x-xogħlijiet.

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2017 xehed **Martin Camilleri**[29], li qal li huwa kien jaħdem bħala *foreman* ma' Polidano Group, u meta sar il-proġett fuq it-toroq ta' Ħal Lija, xogħlu kien li jiċċekkja l-pajpijiet u josserva x-xogħol li jkun qiegħed isir. Qal ukoll li huwa ma kienx ikun il-ħin kollu fuq il-lant tax-xogħol.

Waqt l-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2017, xehed **Nicholas Baldacchino**[30], rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, li qal li mil-lat amministrattiv, Transport Malta ma kinitx responsabbli mix-xogħol ta' *resurfacing* li kien qiegħed isir fit-toroq ta' Ħal Lija. Ix-xhud qal li huwa kien ivverifika dan mal-Perit David Vassallo, li kien qallu li l-Awtorità m'għandha l-ebda informazzjoni dwar ix-xogħlijiet li saru fl-inħawi. Ix-xhud spjega li filwaqt li l-Kunsilli Lokali għandhom id-dmir li jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tat-toroq residenzjali tagħhom, u fejn Kunsill Lokali juri li huwa dispost li jagħti l-*asphalt* tat-triq bin-nies tiegħu jew bil-kuntrattur imqabbad minnu, Transport Malta ma tidħolx. Qal li l-uniku rwol li jkollha s-sezzjoni tar-*Roads* fi Transport Malta f'dawn il-każijiet, huwa li tassigura li jkun hemm il-permessi tax-xogħol meħtieġa sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol.

[28] *A fol.* 633 tal-proċess.
[29] *A fol.* 637 tal-proċess.
[30] *A fol.* 659 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2017 xehed **Roderick Vella**, rappreżentant tal-*Plant Health Directorate*[31], li qal li għad li huwa ma kienx impegat f'dan id-Direttorat fiż-żmien meta seħħ l-għargħar, għamel riċerka u stabbilixxa xi fatti dwar dak li ġara, u kien anki f'pożizzjoni li jippreżenta kopja ta' korrispondenza li ġiet rintraċċata minnu.[32] Ix-xhud qal li kien sar *resurfacing* fi Triq Annibale Preca, u kienet inqalgħet kwistjoni bejn diversi entitajiet minħabba li *culvert* li kien hemm fuq il-post ma ġiex rimpjazzat kompletament wara li saru x-xogħlijiet. F'waħda mill-*emails* esebiti mix-xhud[33], Alex Borg, li fiż-żmien meta saru x-xogħlijiet inkwistjoni kien Uffiċjal Agrikolu Prinċipali, kiteb f'korrispondenza li bagħat lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija li:

> *"The Plant Health Directorate has been in contact with the Local Council for months asking for the reconstruction of the culvert used to supply water to the Centre while works are ongoing. This culvert has been constructed with funds from our Ministry (MRRA) and apart from catching water to be harvested in reservoirs for watering purposes, it reduces the problem of huge amounts of rain water passing from the streets which surely causes or will cause inconvenience to the residents. ... it unfortunately seems that no funds will be invested by the Lija Local Council in this."*

F'*email* sussegwenti tat-23 ta' April, 2012 mibgħuta mill-istess Alex Borg lill-Perit John Rizzo Naudi u lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija[34], intqal li:

> *"Following the non-installation of the previous culvert in front of the Plant Biotechonology Centre due to the fact that the architect and contractor stated that the road inclined towards the culvert left in place and thus there wasn't the need for the rest, it was noted that when it rained last week part of the water run off was not being captured by the culvert and it was wasted as it flew down Annibale Preca Street. For this reason the Directorate feels that the road works carried out did not reinstate the structure's aim i.e. that to catch most of the water run off."*

---

[31] *A fol.* 664 tal-proċess.
[32] Korrispondenza esebita *a fol.* 667 *et seq.* tal-proċess.
[33] *A fol.* 678 tal-proċess.
[34] *A fol.* 684 tal-proċess.

F'*email* oħra mibgħuta mill-istess Alex Borg lill-Perit John Rizzo Naudi fl-14 ta' Mejju, 2012[35], Borg ilmenta dwar il-fatt li ħafna mill-ilma tax-xita kien qiegħed jinħela minħabba li l-*culvert* li kien hemm qabel iċċekken, u minħabba fil-qlib tat-triq, li mhux jgħin biex l-ilma jinżamm fl-inħawi.

Waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2017 xehed **Thomas Debono**[36], li qal li huwa jaħdem fis-sezzjoni tat-trinek li taqa' taħt Transport Malta, u kkonferma li x-xogħol ta' *resurfacing* li sar fi Triq Robert Mifsud Bonnici, fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u fi Triq Annibale Preca sar bejn Frar u Marzu tal-2012. Ix-xhud qal li l-permess għal dawn ix-xogħlijiet kien intalab mis-sid tal-proġett, li kien il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, u l-permess kien ikopri xogħol ta' wiċċ ġdid għat-triq, jiġifieri t-tqaxxir tat-triq li kien hemm qabel u l-kisi tagħha mill-ġdid. Ix-xhud esebixxa kopja tal-permess relattiv għal dawn ix-xogħlijiet.[37]

Waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2017 xehed **Alex Borg**[38], li qal li fiż-żmien meta seħħ l-għargħar kien impjegat mal-*Micro Propagation Centre* ta' Ħal Lija, u kien inkarigat mill-manutenzjoni tal-post. Qal li f'dan il-post hemm numru ta' ġibjuni li jintużaw għall-ħażna tal-ilma, u qabel saru x-xogħlijiet fi Triq Annibale Preca, l-*culverts* eżistenti kienu jservu biex minnhom jinġabar l-ilma sabiex jimtlew il-ġibjuni. Kompla jgħid li dawn il-*culverts* kienu jiġbru l-ilma kollu li kien jinżel mat-triq, u kienu jwaqqfu milli l-fluss tal-ilma jkompli nieżel lejn Ħal Balzan. Ix-xhud qal li minkejja diversi xhur ta' korrispondenza bejnu u l-Perit John Rizzo Naudi wara li beda l-proġett, wieħed mill-*foremen* fuq il-post kien infurmah li l-*culvert* ma kienx ser isir għax il-qlib tat-triq sar lejn naħa minnhom tat-triq. Huwa kompla jispjega dak li ġara billi qal li:

[35] *A fol.* 687 tal-proċess.
[36] *A fol.* 736 tal-proċess.
[37] *A fol.* 739 tal-proċess.
[38] *A fol.* 751 tal-proċess.

"... insistejna mal-perit li s-Sezzjoni tal-Manutenzjoni ħa tirranġa l-*culverts* li diġà hemm sabiex imbagħad il-*foreman* ikun jista' jitfagħhom f'posthom *once* li t-triq jgħaddu l-affarijiet minnha u tkun ħa tiġi *resurfaced.* Lestejnilhom dawn ix-xogħlijiet kollha jiġifieri l-*works* tal-*ironworks* rigward *culvert* kienu lesti. Meta ġew biex jagħmluha, fejn kont wasalt l-ewwel, għamlu nofsha. Kellimna lill-perit. Qalilna li kif għidt diġà, l-ewwel il-qlib mhux ħa jkun qiegħed lejn il-*culvert.* Jien iċċekkjajt ukoll permezz tal-ħaddiema tiegħi l-qlib u rajt li l-qlib peress li tfajt l-ilma, mar totalment in-naħa l-oħra tal-*culvert,* jiġfieri urejtu li niżel 'l isfel u imbagħad jiġifieri ġara li ġara, niżel l-ilma. *In the meantime* imbagħad il-perit qal li ħa tirranġa s-sitwazzjoni peress li kienet ħa tinbena *sleeping police* biex il-qlib ma bediex imur naħa, imur in-naħa l-oħra."

Ix-xhud kompla jgħid li wara li saru x-xogħlijiet, il-*culvert* ma kienx għadu mat-tul kollu tat-triq, iżda biss f'parti waħda minnha, u filwaqt li qabel sar ix-xogħol, meta kienet tagħmel ix-xita din kienet tinġabar f'dan il-*culvert,* wara li saru x-xogħlijiet, ix-xita bdiet tinżel 'l isfel lejn ir-residenzi tan-nies.

In-**Nutar Ian Castaldi Paris** fl-*affidavit* tiegħu[39] qal li huwa kien Sindku tal-lokalità ta' Ħal Lija bejn l-2006 u l-2013, u f'dan ir-rwol kien jieħu sehem attiv fix-xogħol tal-Kunsill. Qal li x-xogħol ta' *resurfacing* tat-toroq li sar għall-ħabta tal-2010 jew l-2011 kien jinvolvi Triq Robert Mifsud Bonnici, Vjal it-Trasfigurazzjoni u Triq Annibale Preca. Qal li sabiex saru dawn ix-xogħlijiet, il-Kunsill Lokali kien ħareġ sejħa għall-offerti, u wara li sar il-proċess tat-*tendering,* l-għażla waqgħet fuq is-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited. Ix-xhud qal li huwa kien jinżamm infurmat b'dak kollu li kien ikun qiegħed jiġri f'dan il-proġett, li matulu nqalgħu diversi problemi, fosthom għax diversi drabi kien jingħata t-*tarmac* billejl, u lilu waslulu wkoll rapporti li diversi drabi l-Perit John Rizzo Naudi ma kienx qiegħed ikun fuq is-sit. Qal ukoll li hu min-naħa tiegħu kien jinsisti li x-xogħol isir kif suppost, u b'osservanza sħiħa tat-termini tas-sejħa għall-offerti, imma minkejja dan

39 *A fol.* 760 tal-proċess.

baqgħu jinqalgħu diversi problemi. Qal li l-akbar problema kienet il-kwistjoni tal-għargħar, għaliex wara li tlestew ix-xogħlijiet, mal-ewwel xita b'saħħitha li għamlet, kien hemm diversi residenti li sofrew ħsarat minħabba l-għargħar fi djarhom. Ix-xhud qal li dan ġara għaliex waqt ix-xogħlijiet tneħħew xi *culverts* li qabel kienu jidderiġu l-ilma lejn il-ġibjuni tal-*Plant Health Directorate,* u sussegwentement l-ilma beda jidħol fir-residenzi tan-nies, għaliex ma baqax jiġi ddevjat kif kien qabel.

Permezz ta' nota ppreżentata fl-20 ta' Frar, 2018[40], l-attur Joseph Mallia nomine ppreżenta kopja ta' ittra mibgħuta minn Millenium Insurance Agency Limited[41], kopja tal-*claim form,* kopja tar-rapport tal-Pulizija, kopja tad-*discharge form* relattiva għall-ħsarat sofferti minn Annelise Cilia[42], kopja tas-*survey reports* relattivi għall-ħsarat sofferti minn Annelise Cilia, kif ukoll kopji ta' rċevuti u *claim statement* relattivi għall-ħsarat sofferti minn Annelise Cilia.[43]

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Ġunju, 2018 xehdet **Magda Magri Naudi**[44] li kkonfermat li fiż-żmien meta seħħ l-għargħar hija kienet Viċi Sindku tal-lokalità ta' Ħal Lija. Qalet li l-proġett ta' *resurfacing* li sar fi Triq Robert Mifsud Bonnici, fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u fi Triq Annibale Preca dak iż-żmien kien jaqa' taħt il-*private partnership project,* u kkonfermat li l-kuntrattur magħżul għal dan ix-xogħol kienet is-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited. Ix-xhud qalet li kemm il-kuntrattur, kif ukoll il-Kunsill konvenut kellhom il-Perit tagħhom involut f'dan il-proġett. Ix-xhud qalet li qabel sar ix-xogħol ta'

[40] *A fol.* 762 tal-proċess.
[41] *A fol.* 763 tal-proċess.
[42] *A fol.* 764 *et seq.* tal-proċess.
[43] *A fol.* 782 *et seq.* tal-proċess.
[44] *A fol.* 840 tal-proċess.

*resurfacing* kien hemm residenti li kienu jilmentaw dwar *flooding* fit-triq tagħhom, għalkemm żiedet tgħid li dawn ma joqogħdux fil-parti tat-triq fejn toqgħod Annelise Cilia. Ix-xhud qalet li meta l-Kunsill konvenut ġie mgħarraf li kien seħħ għargħar, kien poġġa xkejjer bir-ramel fit-tarf tat-triq sabiex il-problema titnaqqas. Ix-xhud ippreżentat ukoll kopja tar-rapport imħejji mill-Perit John Rizzo Naudi wara li tlestew ix-xogħlijiet.[45]

Il-konvenut il-**Perit John Rizzo Naudi** fl-*affidavit* tiegħu[46] qal li wara x-xogħol ta' *resurfacing* li sar, il-livell ta' Triq il-Kbira (Lija), Triq Annibale Preca, Triq San Anton, il-parti ta' Triq il-Kbira (Ħal Balzan), baqa' l-istess. Huwa spjega li l-ilma tax-xita li jaqa' fi Triq Massimiliano Debono, Triq Żnuber, Triq Ġużé Portelli u Triq San Anton, imur fid-direzzjoni ta' Sqaq numru 4, fejn toqgħod Annelise Cilia. Ix-xhud qal li d-djar fil-viċinanzi ta' Sqaq numru 4 minn dejjem kienu suxxettibbli għall-ingress tal-ilma meta tagħmel ix-xita, u ċertu George Borg Cardona, resident fl-inħawi, kien ilu jagħmel rapporti dwar dan mill-anqas mill-1998. Ix-xhud qal li x-xogħlijiet inkwistjoni saru kollha taħt is-superviżjoni tiegħu, u hu jista' jagħti garanzija li x-xogħlijiet kollha saru skont l-ogħla *standards* u skont it-termini tal-kuntratt. Qal li meta tlestew ix-xogħlijiet, il-*culverts* li kien hemm qabel kollha reġgħu ġew installati, u l-livelli tat-toroq li fihom sar ix-xogħol ma nbidlux. Il-Perit Rizzo Naudi qal li dak li seħħ kien *act of God,* minħabba li l-ammont ta' xita li niżel f'salt ma jistax jitqies li huwa normali, u għalhekk ma jistax jintqal li kien hemm xi forma ta' negliġenza li kkawżat l-ingress tal-ilma fid-dar ta' Ms Cilia.

[45] *A fol.* 845 tal-proċess.
[46] *A fol.* 851 tal-proċess.

Permezz ta' nota ppreżentata fis-6 ta' Lulju, 2018, il-Kunsill konvenut esebixxa għadd ta' dokumenti[47], fosthom korrispondenza mibgħuta mill-Perit John Rizzo Naudi, ittra mibgħuta minn George Borg Cardona, resident fl-inħawi, bid-data tad-9 ta' Ottubru, 1998, fejn ilmenta dwar il-problema tal-għargħar fl-inħawi kull darba li tagħmel ix-xita, kif ukoll għadd ta' ritratti tal-inħawi.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Ottubru, 2018, kompliet tixhed **Magda Magri Naudi**[48], li qalet li dakinhar stess li seħħ l-għargħar, Annelise Cilia kienet infurmat lill-Kunsill b'dak li kien seħħ, u dakinhar stess il-Kunsill kien ħa ħsieb li jitpoġġew xkejjer tar-ramel fl-inħawi sabiex kemm jista' jkun tiġi minimizzata l-possibilità ta' ħsara. Ix-xhud qalet li l-Kunsill bagħat ukoll lill-Perit sabiex dan ikun jista' jikkonstata xi ħsarat ġew sofferti fir-residenza ta' Cilia. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li l-Kunsill Lokali mhux dispost li jħallas għall-ħsarat sofferti u mhux jassumi responsabbilità għalihom.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Diċembru, 2018, xehed **Jeffrey Custò** mill-Uffiċċju Meteoroloġiku[49], li qal li fit-3 ta' Settembru, 2012, b'kollox niżlu 58.6 mm ta' xita. Ix-xhud qal li l-ammont ta' xita mkejla fuq medda ta' erbgħa u għoxrin siegħa dakinhar tista' titqies li kienet waħda straordinarja.

Waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2019 xehed in-**Nutar Ian Castaldi Paris**[50], prodott mill-Kunsill konvenut, fejn qal li fiż-żmien meta inħarġet is-sejħa għall-offerti rigward ix-xogħol ta' *resurfacing* li kien meħtieġ li jsir, huwa kien Sindku tal-lokalità. Ix-xhud qal li fost il-problemi marbuta ma' dan il-proġett kien hemm diversi ilmenti mir-residenti tal-lokal, u l-fatt li l-Perit tal-Kunsill ma

[47] *A fol.* 855 *et seq.* tal-proċess.
[48] *A fol.* 882 tal-proċess.
[49] *A fol.* 890 tal-proċess.
[50] *A fol.* 895 tal-proċess.

kienx ikun preżenti fuq is-sit. Qal li huwa kien ikun preżenti fuq is-sit kuljum, u fost l-ilmenti li kienu jsiru kien hemm li t-*tarmac* kien qiegħed jingħata filgħaxija, u li kien hemm *culverts* li ngħata t-*tarmac* fuqhom. Ix-xhud qal li bħala Sindku huwa kien jgħaddi dawn l-ilmenti lis-Segretarju Eżekuttiv, li kien jieħu ħsieb jirreferi dawn il-kwistjonijiet lill-Perit tal-Kunsill.

Waqt l-istess udjenza xehed **Jeffrey Custo**[51], prodott mill-Kunsill konvenut, li ppreżenta kopja tar-*records* tax-xita mkejla f'diversi inħawi ta' Malta dakinhar li seħħ l-għargħar. Jirriżulta li fl-istazzjon ta' Birkirkara, l-eqreb stazzjon għal Ħal Balzan u Ħal Lija, dakinhar tkejlu 124.2 millimetri ta' xita fuq erbgħa u għoxrin siegħa.

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar, 2019, xehed il-**Perit Joseph Cachia**[52], li qal li huwa kien inkarigat sabiex jissorvelja x-xogħlijiet li saru fi Triq Annibale Preca għan-nom tas-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited. Ix-xhud qal li x-xogħol kien jinvolvi l-qlugħ tat-triq u r-*resurfacing* tat-triq b'saff ġdid ta' *tarmac,* u l-klijent ta' dan il-proġett kien il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija. Qal li huwa kien jieħu l-istruzzjonijiet mingħand il-Perit John Rizzo Naudi, li kien qiegħed jieħu ħsieb ix-xogħol għan-nom tal-Kunsill konvenut. Qal li f'xogħlijiet bħal dawn, dejjem jinżamm il-livell preeżistenti tat-triq, sakemm ma jkunx hemm struzzjonijiet speċifiċi biex jinbidel il-livell tat-triq. Ix-xhud qal li meta spiċċaw ix-xogħlijiet, kien il-Perit Rizzo Naudi li ċċertifika x-xogħol li sar, u s-soċjetà Polidano Brothers Limited tħallset l-ammont kważi kollu li kellha tirċievi fir-rigward ta' dan il-proġett, u qal li t-termini tal-proġett kienu jispeċifikaw li l-ħlas għandu jsir lill-kuntrattur fuq perijodu ta' żmien bi ħlasijiet regolari.

---

[51] *A fol.* 908 tal-proċess.
[52] *A fol.* 1002 tal-proċess.

Il-kontroeżami tal-**Perit Joseph Cachia** sar waqt l-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2019[53], fejn ix-xhud qal li l-Perit John Rizzo Naudi kien il-punt ta' riferiment għall-kuntrattur min-naħa tal-klijent, li hu l-Kunsill konvenut. Qal li l-istruzzjonijiet kienu jingħataw mill-Perit Rizzo Naudi, u dan kien ikun fuq is-sit isegwi x-xogħlijiet, u fl-aħħar tal-proġett kien dan li għalaq il-kontijiet tax-xogħol. Qal li l-*culverts* li kien hemm qabel beda l-proġett, kollha ġew ripristinati, partikolarment dawk li kien hemm fil-parti ta' fuq ta' Triq Annibale Preca. Ix-xhud qal ukoll li l-livelli tat-toroq jiġu stabbiliti mill-Awtorità tal-Ippjanar, u l-kuntrattur ma kellux dritt ibiddel il-livelli tat-toroq, anzi għall-kuntrarju kellu jirrispetta l-livelli li kien hemm.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2019, sar il-kontroeżami ta' **Annelise Cilia**[54], li qalet li x-xogħol fit-triq tlesta fi Frar tal-2012, u qabel l-għargħar kien seħħ inċident ieħor fl-10 ta' Marzu, 2012, fejn ukoll kien daħlilha xi ilma, għalkemm qalet li d-danni li sofriet dakinhar ma kinux daqshekk gravi daqs tat-3 ta' Settembru, 2012. Ix-xhud qalet li dakinhar li seħħ l-għargħar mertu tal-kawża, it-triq kienet ilha lesta, iżda x-xogħlijiet ma sarux kif kellhom isiru, u qalet li l-għargħar seħħ għaliex xi *culverts* tgħattew jew tneħħew. Ix-xhud qalet li hija kienet irċeviet informazzjoni li l-*culverts* fil-parti ta' fuq tat-triq reġgħu saru wara li seħħ l-għargħar inkwistjoni, minħabba l-ilmenti li kien hemm wara li seħħ dan l-għargħar.

Permezz ta' nota tal-21 ta' Marzu, 2019, is-soċjetà konvenuta **Polidano Brothers Limited** ippreżentat estratt minn gazzetta b'rapporti dwar ix-xita straordinarja li niżlet fit-3 ta' Settembru, 2012.[55]

---

[53] *A fol.* 1010 tal-proċess.
[54] *A fol.* 1012 tal-proċess.
[55] *A fol.* 1020 tal-proċess.

Il-kontroeżami ta' **Magda Magri Naudi** sar waqt l-udjenza tat-3 ta' Ġunju, 2019[56], fejn din ikkonfermat li minkejja li fiż-żmien meta saru ix-xogħlijiet fuq uħud mit-toroq tal-lokal ta' Ħal Lija, hija kienet Viċi Sindku, hija ma kellhiex involviment dirett fil-proġett. Ix-xhud qalet li kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll il-kuntrattur inkarigat mill-proġett kellhom il-periti tagħhom li kellhom jassiguraw ruħhom li x-xogħol li kien qiegħed isir ma jikkawżax ħsara lir-residenti. Ix-xhud qalet li dak iż-żmien il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kellu xi fondi, sabiex seta' jsir proġett magħruf bħala PPP, u kien ġie deċiż li kellhom isiru għadd ta' toroq li kienu fi stat ħażin. Ix-xhud ikkonfermat li minkejja li ċertu George Borg Cardona kien għamel diversi rapporti u ilmenta kemm-il darba dwar il-fatt li meta tagħmel ix-xita kien jidħollu l-ilma fid-dar, Annelise Cilia qatt ma kienet għamlet ilmenti simili. Ix-xhud qalet li dakinhar li seħħ l-għargħar, il-Kunsill konvenut kien ħaseb biex jimmitiga l-ħsara billi poġġa xkejjer bir-ramel fit-tarf tal-isqaq fejn tgħix Annelise Cilia, u dawn kienu saru bħala miżura temporanja. Ix-xhud ikkonfermat li wara li seħħ l-għargħar inkwistjoni, fuq talba tal-istess Cilia kienet tpoġġiet rampa fl-inħawi, kif ukoll xi *culverts* reġgħu saru mill-ġdid.

Il-kontroeżami tal-**Perit John Rizzo Naudi** sar waqt l-udjenza tal-4 ta' Novembru, 2019[57], fejn ix-xhud qal li qabel inbdew ix-xogħlijiet li wasslu għall-proċeduri odjerni, huwa kien iċċekkja l-livelli tat-toroq fejn saru x-xogħlijiet, u kien immarkahom mal-ġnub tat-triq flimkien mal-kuntrattur. Ix-xhud ikkonferma li wara li tlesta x-xogħol huwa kien ivverifika li l-livelli kienu baqgħu l-istess, u l-uniku tibdil li sar kien fejn inqalgħet bankina sabiex inħolqu xi *parking bays.* Ix-xhud qal li bix-xogħlijiet li saru, mhux suppost li

[56] *A fol.* 1041 tal-proċess.
[57] *A fol.* 1060 tal-proċess.

nbidel l-fluss tal-ilma u l-qlib tiegħu lejn xi naħa jew oħra tat-triq. Ix-xhud ikkoreġa dak li qal billi spjega li l-qlib li sar żied l-ilma li beda għaddej min-naħa tal-lemin tat-triq, għalkemm qal li dan sar sabiex l-ilma jinqabad fil-*catchment* tal-ġibjun. Ix-xhud qal li l-volum tal-ilmijiet li jibdew neżlin mit-triq aktar 'l isfel mid-Direttorat tal-Pjanti, ma kellux jiżdied bix-xogħlijiet li saru. Ix-xhud qal li minkejja dak li nkiteb minn Alex Borg fil-korrispondenza li tinsab in atti, il-*culvert* li kien hemm qabel bdew ix-xogħlijiet baqa' fuq il-post, għalkemm parti minnu kienet tneħħiet. Qal li l-Plant Health Directorate insistew għat-tieni *culvert,* li huwa rrifjuta li jagħmel minħabba li l-istima tal-ispejjeż għal dan il-*culvert* ma kinitx ġiet stmata qabel beda l-proġett. Ix-xhud qal li wara li seħħ l-għargħar, kien sar it-tieni *culvert,* iżda qal li ma jafx min kien għamlu. Ix-xhud qal li hu joqgħod fl-inħawi ta' fejn sar il-proġett, u għalhekk kien jissorvelja x-xogħol fuq bażi regolari. Qal li l-Perit Joe Cachia inkarigat mis-soċjetà konvenuta ma kienx involut, u kien ix-xhud li kkoordina x-xogħol mas-*surveyor* tal-proġett, u kien hu li kien jagħti l-istruzzjonijiet lill-kuntrattur. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li ma kien hemm l-ebda ħtieġa li xi xogħol li sar jiġi kkorreġut.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2020 xehed il-**Perit Joseph Cachia**[58] prodott in kontroeżami mis-soċjetà attriċi, li qal li huwa ma kienx il-Perit inkarigat mill-proġett. Qal li huwa jaħdem ma' Polidano Brothers, u minkejja li kien involut f'xi stadji tal-proġett, huma ma kienx ikun fuq is-sit il-ħin kollu. Qal li f'każ li kien ikun hemm problema ta' natura teknika min-naħa tal-kuntrattur, huwa kien jiġi kkonsultat sabiex jara x'kien hemm bżonn li jsir. Qal li minn żmien għal żmien il-Perit Rizzo Naudi kien ikellmu fuq l-andament tal-proġett, u kkonferma li l-istess Perit lilu qatt ma kien kellmu dwar il-kwistjoni tal-

[58] *A fol.* 1095 tal-proċess.

*culverts.* Qal li kieku huwa ġie infurmat b'xi ilmenti jew bir-riskju tal-għargħar għar-residenti fl-inħawi, huwa kien jieħu azzjoni sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni. Ix-xhud qal li ma kienx kompitu tiegħu li jikkonferma li l-*culverts* li kien hemm fil-bidu tat-triq fejn sar il-proġett baqgħu f'posthom meta tlesta l-proġett.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti eżaminat l-provi mressqa quddiemha sabiex fl-ewwel lok jiġi stabbilit min mill-konvenuti għandu jġorr ir-responsabbilità għall-akkadut. L-attur nomine qiegħed jitlob rimbors tal-flejjes imħallsa minnu taħt polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri l-beni mobbli u immobbli li kienu jinsabu fil-proprjetà bin-numru 2, Sqaq numru 4, Triq Sant Antnin, Ħal Balzan, proprjetà ta' Ms Annelise Cilia, l-assigurata taħt l-imsemmija polza, fejn is-somma totali pretiża mill-attur nomine tammonta għal tmintax-il elf, erba' mija u ħamsa u tmenin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€18,485.97). Ms Cilia kienet fetħet *claim* mas-soċjetajiet li kienu jkopruha taħt il-polza tal-assigurazzjoni, wara li d-dar tagħha sofriet minn ingress qawwi ta' ilma wara maltempata qalila li ħakmet lill-gżejjer Maltin bejn it-2 u t-3 ta' Settembru, 2012, liema ilmijiet ikkawżawlha ħsarat konsiderevoli fil-proprjetà tagħha, inkluż ħsara fil-provvista tad-dawl u tgħarriq ta' diversi oġġetti li kellha, partikolarment fis-sular t'isfel tad-dar. Il-kontenzjoni ewlenija tal-attur nomine f'dawn il-proċeduri, hija li l-konvenuti għandhom jinżammu responsabbli għad-danni sofferti kawża ta' dan l-ingress ta' ilma, għaliex l-ingress tal-ilma seħħ biss wara li l-konvenuti għamlu xogħol f'toroq fl-akkwati fejn tgħix Ms Cilia, u naqsu milli jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex jassiguraw li ma jiġu

kkawżati l-ebda danni lir-residenti fl-inħawi. Diversi xhieda spjegaw li l-*causa prossima* tad-danni sofferti mis-Sinjura Cilia kien il-fatt li l-livell tat-toroq li saru x-xogħlijiet fihom ġie alterat, għalkemm dan ġie miċħud miż-żewġ periti li kienu inkarigati biex jagħmlu xogħol ta' superviżjoni tal-proġett, kif ukoll minħabba li xi *culverts* li kien hemm fi Triq Annibale Preca u li kienu jilqgħu fihom parti kbira mill-ilma tax-xita li kien jinġabar fl-inħawi, ma ġewx rimpjazzati kompletament wara li tlesta l-proġett.

Jirriżulta li l-Kunsill konvenut kien ippubblika sejħa għall-offerti minn kuntratturi li setgħu jagħmlu xogħol ta' *resurfacing* fi tliet toroq partikolari li ġew identifikati mill-Kunsill bħala toroq li kienu fi stat ħażin. Dawn it-toroq kienu Triq Robert Mifsud Bonnnici, Triq Annibale Preca u Vjal it-Trasfigurazzjoni. Meta saret l-aġġudikazzjoni tat-*tender,* ġie deċiż li s-soċjetà konvenuta, Polidano Brothers Limited, kellha tagħmel ix-xogħol hi permezz tal-ħaddiema tagħha, taħt is-superviżjoni tal-Perit maħtur mill-Kunsill konvenut, il-konvenut Perit John Rizzo Naudi, li ta x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, imma baqa' kontumaċi. Ix-xogħol inkwistjoni sar fil-perijodu bejn Frar u Marzu tal-2012 u l-għargħar inkwistjoni seħħ wara l-ewwel maltempata kbira li laqtet lill-gżejjer Maltin wara x-xhur tas-sajf. Il-Qorti semgħet lil Annelise Cilia tixhed kif fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Settembru, 2012, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu hija kienet innutat li kien dieħel ħafna ilma mill-bieb ta' barra tar-residenza tagħha, u l-livell tal-ilma fil-proprjetà għola f'ħin qasir, ikkawża *shortage* fis-sistema tal-elettriku, u f'ħin qasir hija sofriet danni sostanzjali fil-proprjetà tagħha u f'diversi oġġetti mobbli li kellha, partikolarment minħabba li l-ilma li daħal kien imħallat ma' ilma tad-drenaġġ, u l-intensità tiegħu tant kienet qawwija li bdew ħerġin l-affarijiet li kellha stivati fl-armarji u sabet ħafna affarijiet jgħumu fl-ilma li daħal. Il-Qorti setgħet

tikkonstata l-entità tal-ħsara u d-danni sofferti mill-assigurata tal-attur nomine mir-ritratti esebiti fil-proċess, fejn jidher ċar li wara li l-ilmijiet ġew ippumpjati jew tħallew jiskulaw, fid-dar ta' Cilia kien għad hemm ħafna sediment tat-tajn li baqa' fil-post. Cilia kkonfermat ukoll li sabiex eliminat l-ilma mir-residenza tagħha, hija kellha bżonn l-assistenza ta' diversi persuni, fosthom ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili. Cilia xehdet ukoll li wara li għarrfet lill-Kunsill konvenut b'dak li kien ġara, dakinhar stess li seħħ l-għargħar, ħaddiema tal-Kunsill konvenut kienu poġġew xi xkejjer bir-ramel fid-daħla tal-isqaq inkwistjoni sabiex iżommu l-ilmijiet tax-xita li kompliet tinżel dakinhar, milli jerġgħu jiskulaw lejn l-isqaq. Ix-xhud qalet ukoll li qabel dakinhar qatt ma kellha problema ta' ingress ta' ilma fir-residenza tagħha, u lanqas wara x-xogħol rimedjali li sar fil-*culverts* fi Triq Annibale Preca, ma reġa' kellha problemi bl-ingress tal-ilma. Ix-xhud ikkonfermat li qabel l-għargħar mertu tal-kawża, kien hemm episodju wieħed, wara li kienu tlestew ix-xogħlijiet inkwistjoni, fejn hija sofriet minn ingress ta' ilma fid-dar tagħha, fl-10 ta' Marzu 2012, proprju eżattament kif tlestew dawn ix-xogħlijiet.

Dak li xehdet Annelise Cilia ġie kkonfermat mill-Perit Philip Grech, li ġie inkarigat minn Ms Cilia sabiex jikkonstata xi ħsarat kellha fid-dar tagħha. Dan ix-xhud qal li meta huwa mar fid-dar ta' Ms Cilia, seta' jara l-livell tal-ilma sa fejn kien tela', u qal li l-isprall li kien hemm quddiem il-bieb tad-dar tagħha ma bediex ilaħħaq mal-volum ta' ilma li niżel f'salt. Dan ix-xhud qal li għalkemm l-ammont ta' xita li niżlet kien wieħed sostanzjali, is-sitwazzjoni kienet aggravata bix-xogħlijiet infrastrutturali mertu ta' din il-kawża. Il-Perit Grech qal li sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħall-għargħar mertu tal-kawża, huwa meħtieġ li jsir ħafna xogħol ta' ippjanar u jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji qabel jinbeda proġett bħal dan.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll id-dokumenti esebiti minn Roderick Vella u l-korrispondenza ppreżentata minnu, fejn fit-23 ta' April, 2012, Alex Borg, impjegat fil-*Plant Biotechnology Centre* ta' Ħal Lija, kien diġà wera t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-*culvert* li kien hemm quddiem iċ-Ċentru tal-Bioteknoloġija tal-Pjanti, ma ġiex rimpjazzat kompletament wara x-xogħlijiet li saru fit-toroq tal-madwar. Dak iż-żmien Borg kien wera t-tħassib tiegħu għaliex wara x-xita li niżlet dak iż-żmien, ġie nnutat li ħafna mill-ilma nħela u baqa' nieżel lejn iż-żona residenzjali minflok inġabar fil-*culvert* għall-użu taċ-Ċentru kif kien isir qabel. Il-Qorti kellha l-opportunità tisma' lix-xhud Alex Borg jgħid li huwa kien jikkomunika mal-Perit John Rizzo Naudi wara li beda l-proġett, partikolarment wara li wieħed mill-*foremen* kien infurmah li l-*culvert* biswit iċ-Ċentru tal-Bioteknoloġija tal-Pjanti ma kienx ser jiġi rimpjazzat, wara li ġie deċiż li jkun hemm tibdil fil-qlib tat-triq. Kien dan ix-xhud li kkonferma quddiem il-Qorti, li wara li saru x-xogħlijiet mill-Kunsilll ta' Ħal Lija, dan il-*culvert* ma ġiex rimpjazzat tul it-triq kollha kif kien qabel, u għalhekk meta bdiet tagħmel ix-xita, din bdiet tinżel u tiskula fid-direzzjoni ta' fejn hemm ir-residenzi tan-nies.

In-Nutar Ian Castaldi Paris, li fiż-żmien li meta seħħ l-għargħar kien is-Sindku ta' Ħal Lija, ikkonferma li wara l-ewwel xita qawwija li għamlet wara li tlesta l-proġett inkwistjoni, kien hemm ħafna ilmenti mir-residenti minħabba fl-għargħar li kien seħħ. Ix-xhud qal li l-*culverts* li kien hemm qabel sar il-proġett ma ġewx rimpjazzati kompletament, u għalhekk ma kien hemm l-ebda lqugħ sabiex iżomm l-ilma milli jibqa' nieżel lejn ir-residenzi tan-nies.

Min-naħa tiegħu l-Perit Rizzo Naudi qal li mhux minnu li minħabba f'dan il-proġett kienu nbidlu l-livelli tat-toroq fl-inħawi. Dan ix-xhud qal li x-xogħol kollu sar taħt is-superviżjoni tiegħu, u wara li tlestew ix-xogħlijiet huwa kien iċċertifika li x-xogħol sar skont l-ogħla *standards* u skont it-termini tal-kuntratt. Il-Perit Rizzo Naudi qal li l-għargħar inkwistjoni kien seħħ minħabba li dakinhar kienet niżlet xita li mhijiex normali u għalhekk ġew ikkawżati diversi problemi fl-inħawi. Qal ukoll li minkejja li ma kien hemm l-ebda tibdil fil-livelli tat-toroq, b'effett ta' dan il-proġett kien hemm tibdil fil-qlib tal-ilma. Il-konvenut il-Perit Rizzo Naudi kkonferma li l-*culvert* li kien hemm biswit il-*Plant Biotechnology Centre* tħalla fil-post, għalkemm parti minnu kienet tneħħiet waqt ix-xogħlijiet inkwistjoni.

Il-perit tas-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited, il-Perit Joseph Cachia xehed li x-xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta kien jinvolvi l-qlugħ tat-triq u l-kisi tagħha b'saff *tarmac* ġdid. Qal li l-klijent ta' dan il-proġett kien il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, u kien il-Perit Rizzo Naudi, il-perit tal-kunsill konvenut, li ċċertifika x-xogħol li sar. Ix-xhud qal ukoll li l-Perit Rizzo Naudi kellu jservi bħala l-punt ta' riferiment bejn il-ħaddiema tal-kuntrattur u l-klijent, f'dan il-każ, il-Kunsill Lokali. Qal ukoll li l-istruzzjonijiet kienu jingħataw mill-Perit Rizzo Naudi, li kien ikun fuq is-sit isegwi x-xogħlijiet li jsiru. Dan ix-xhud qal li mhux minnu li kien hemm tibdil fil-livell tat-triq u qal li l-livelli tat-toroq f'każijiet simili jiġu stabbiliti mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Wara li semgħet u evalwat il-provi mressqa quddiemha, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-*causa prossima* tal-ħsarat mertu tal-kawża, kien ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' numru ta' toroq f'Ħal Lija. Il-fatt li qabel sar dan il-proġett, Ms Cilia u residenti oħra fl-inħawi qatt ma kienu esperjenzaw problemi bl-ingress

tal-ilma, għajr għal ċertu George Borg Cardona li kien ilu jagħmel ilmenti dwar l-ingress tal-ilma fid-dar tiegħu li però ma tinsabx fl-istess parti tat-triq fejn hemm ir-residenza ta' Ms Cilia, huwa indikatur qawwi li l-qlib tat-triq inkwistjoni inbidel biss konsegwenza tax-xogħlijiet inkwistjoni. Mill-provi mressqa ma jirriżultax li nbidlu l-livelli tat-toroq li saru x-xogħlijiet fihom, iżda jirriżulta bl-aktar mod ċar li dak li kkawża l-ħsarat fir-residenza ta' Ms Cilia u l-volum qawwi ta' ilma li ngħabar fis-sqaq, kien il-fatt li l-*culverts* li kien hemm aktar 'il fuq fit-triq tneħħew biex isir il-proġett, u ma ġewx rimpjazzati fl-intier tagħhom. Mill-provi dokumentarji esebiti jirriżulta li l-problema bdiet tinħass prattikament minn kif tlesta l-proġett, u Alex Borg, dak iż-żmien impjegat fil-*Plant Biotechnology Centre,* kien diġà wera t-tħassib tiegħu għall-fatt li wara x-xita li niżlet f'April ta' dik l-istess sena, ġie nnutat li ħafna mill-ilma ma ngħabarx fil-*culvert* biswit iċ-Ċentru, iżda baqa' nieżel lejn l-inħawi residenzjali ta' Ħal Lija u Ħal Balzan. Dan ġie kkonfermat minn persuni oħra li xehdu, fosthom min-Nutar Ian Castaldi Paris, li dak iż-żmien kien Sindku tal-lokal ta' Ħal Lija, u li kkonferma li l-*culverts* li kienu fil-parti ta' fuq ta' Triq Annibale Preca ma ġewx rimpjazzati kompletament wara x-xogħlijiet inkwistjoni.

*<u>L-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta</u>*

Qabel tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-responsabbilità ta' kull wieħed mill-konvenuti f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti sejra tikkonsidra fil-qosor l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited, fejn intqal li din l-azzjoni attriċi hija nulla peress li Joseph Mallia bħala rappreżentant ġuridiku ta' Lloyd's, qatt ma seta' jipproponi din l-azzjoni għaliex is-surroga fil-jeddijiet ta' Annelise Cilia saret favur il-Millenium

Insurance Agency Limited, u mhux favur Lloyd's Malta Limited. Jirriżulta li Annelise Cilia kellha polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri l-ħsarat kollha li setgħu sseħħu fil-proprjetà tagħha, kemm fil-bini kif ukoll fl-oġġetti mobbli li hija kellha fid-dar, u l-*claim* ta' Cilia saret tramite l-Island Insurance Brokers Limited. Il-ħlas tal-ammont li ġie stabbilit li għandu jitħallas lil Cilia wara li saru l-verifiki mil-*loss adjuster* James Magri, sar minn Millenium Insurance Agency Limited, u d-*discharge and subrogation form* iffirmata minn Cilia saret favur il-Millenium Insurance Agency Limited, kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti. Il-Qorti tirrileva li kif ġie ppruvat mid-dokumenti esebiti in atti, Joseph Mallia huwa r-rappreżentant ġuridiku ta' Lloyd's (Malta) Limited kif ukoll huwa l-*managing director* tas-soċjetà Millenium Insurance Agency Limited, li hija l-*binder holder* tad-diversi sindakati ta' Lloyd's li taħthom inħarġet il-polza. Kien għalhekk li s-surroga saret favur il-Millenium Insurance Agency Limited bħala l-entità li l-assiguratur, f'dan il-każ Lloyd's, għażel biex tamministra l-poloz tal-assigurata tiegħu, u dan *ai termini* ta' dak li jipprovdi l-artikolu 48A tal-Kap. 403 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari qiegħda tiġi miċħuda.

Mill-provi prodotti jirriżulta li filwaqt li l-proġett ta' *resurfacing* ta' toroq kien proġett tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, kienet is-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited li ġiet inkarigata bit-twettiq ta' dan il-proġett, liema proġett sar taħt is-superviżjoni tal-Perit tal-Kunsill konvenut John Rizzo Naudi u tal-Perit tas-soċjetà konvenuta Joseph Cachia. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet din l-istess Qorti kif diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Tristan Camilleri et *vs.* l-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**et**[59], fejn il-Qorti, b'riferiment għal mertu li wkoll kien jikkonċerna l-maltempata tat-3 ta' Settembru, 2012 qalet hekk:

> "Jibda biex jingħad li għalkemm ix-xita hija fenomenu naturali li fuqha l-bniedem m'għandu l-ebda kontroll, min hu responsabbli minn xogħlijiet bħal ma saru fil-każ odjern għandu d-dover li jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex tali xogħlijiet jiu esegwiti bl-inqas inkonvenjent u ħsara possibbli lill-proprjetarji tal-fondi fl-akwati. Dan jgħodd kemm għal min jikkummissjona x-xogħol u anke għal min jesegwih."

Dak li trid taċċerta ruħha minnu din il-Qorti huwa jekk l-attur nomine irnexxilux jipprova li l-konvenuti, jew min minnhom, naqsux milli jieħdu l-prekawzjonijiet mistennija minn *bonus paterfamilias* mistennija minnhom, sabiex jassiguraw li ma sseħħx ħsara fir-residenzi tal-persuni li jgħixu fl-inħawi in segwitu għax-xogħlijiet inkwistjoni. L-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi r-regola ġenerali li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha, filwaqt li l-artikolu 1032 jistabbilixxi illi persuna titqies fi ħtija jekk din f'għemilha tonqos milli teżerċita l-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. M'hemmx dubju li l-ħsara riskontrata minn Annelise Cilia fil-proprjetà tagħha hija riżultat dirett tax-xogħlijiet li saru mis-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited, li fl-eżerċizzju tax-xogħol li ġiet inkarigata tagħmel, naqset milli tieħu l-prekawzjonijiet neċessarji u tassigura li ma ssirx ħsara fil-proprjetà tar-residenti. Kif jirriżulta mill-provi, li kieku l-qlib tat-triq ma nbidilx, u l-*culverts* li kien hemm fit-triq ġew rimpjazzati fit-totalità tagħhom, l-għargħar probabbilment ma kienx iseħħ. Mill-provi rriżulta li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni diretta bejn il-Perit Rizzo Naudi, li kien inkarigat mis-sorveljanza tal-proġett min-naħa tal-Kunsill Lokali, u l-Perit Cachia inkarigat mis-soċjetà konvenuta, li xehed li diversi drabi huwa ma kienx ikun

[59] 09.10.2017.

fuq is-sit, u l-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta kienu jieħdu l-ordnijiet direttament mingħand il-Perit Rizzo Naudi.[60] Kien dan li wassal għal sitwazzjoni fejn ma ttiħdux il-prekawzjonijiet kollha li kellhom jittieħdu, liema nuqqas wassal għal sitwazzjoni fejn waħda mir-residenti li jgħixu fl-inħawi tat-toroq fejn sar il-proġett, sofriet ħsarat sostanzjali fil-proprjetà tagħha. Jirriżulta li wara li seħħ l-akkadut, kienet saret l-installazzjoni ta' *sleeping policeman* fit-tarf tal-isqaq, u r-rimpjazzament ta' wieħed mill-*culverts* fi Triq Annibale Preca, li konsegwentement il-problema tal-għargħar li mmanifestat ruħha fi Sqaq Sant' Antnin, ġiet solvuta. L-akkadut seħħ għaliex xi ħadd mill-konvenuti ma użax prudenza, diliġenza jew għaqal fil-mod kif ġie kkummissjonat ix-xogħol u fl-eżekuzzjoni tiegħu. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmen Pecorella noe et *vs.* Lino u Angele Stafrace et**[61], fejn dwar ir-responsabbilità li għandha tinġarr mill-Perit inkarigat minn proġett, il-Qorti qalet:

> "Illi huwa wkoll miżmum li l-għaqal u d-diliġenza li jrid juri l-professjonist fit-twettiq ta' xogħlu huwa dak mistenni normalment minn professjonist tal-affari tiegħu, aġġornat fit-tagħrif li l-professjoni (jew il-qasam li jaħdem fih) tistenna minn kull kollega tiegħu, u mwettaq bl-attenzjoni u r-reqqa li x-xogħol li jissejjaħ jagħmel jitlob mill-każ. Dan jitlob kejl oġġettiv. Sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni ta' liġi li tgħid mod ieħor dwar il-professjoni li tkun, ħadd ma jwieġeb għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, għaqal jew ħsieb fi grad akbar."

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ il-konvenut il-Perit John Rizzo Naudi wera nuqqas ta' għaqal u diliġenza fit-twettiq tad-dmirijiet professjonali tiegħu. Wieħed m'għandux bżonn xi abbilità straordinarja biex jipprevedi li l-eliminazzjoni ta'

[60] Dan però huwa kontradett b'dak li xehed Ian Farrugia (ara fol. 20 ta' din is-sentenza) *foreman* mas-soċjetà konvenuta, li qal li huwa kien jieħu l-istruzzjonijiet mingħand il-perit tal-kumpannija Joseph Cachia. Dan ix-xhud qal ukoll li l-verifiki neċessarji qabel inbeda l-proġett saru mill-Perit Cachia u kien dan il-perit li ggwidah dwar dak li kellu jagħmel hu bħala *foreman*. Skont dan ix-xhud kien il-Perit Joseph Cachia li ċċertifika li x-xogħol li sar kien tajjeb.

[61] 20.07.2020.

*culvert* jew it-tnaqqis tal-volum tal-ilma li *culvert* jista' jassorbi, inevitabbilment ser twassal għal problemi kull meta tinżel xita qawwija, partikolarment f'żoni li diġà huma magħrufa li jsofru minn għargħar minħabba li qegħdin f'livell aktar baxx minn villaġġi fil-madwar, bħalma hija ż-żona fejn hemm id-dar ta' Ms Cilia. Dak li ġara lil Ms Cilia kien prevedibbli u seta' jiġi evitat, kif jirriżulta ċar anki mill-fatt li meta l-Kunsill konvenut poġġa xi xkejjer bir-ramel fit-tarf tal-isqaq u installa *sleeping policeman,* dawn wasslu biex fid-dar ta' Ms Cilia ma reġax kien hemm problema ta' ingress ta' ilma għad li naturalment kien hemm drabi oħra fejn għamlet ħafna xita. Il-Qorti qieset ukoll id-difiża miġjuba mill-Kunsill konvenut, li qal li dak li ġara kien riżultat ta' forza maġġuri, għaliex l-ammont ta' xita li tkejlet fil-pajjiż dakinhar kienet waħda straordinarja. Il-Qorti tirrileva li s-Sinjura Cilia stess xehdet li minkejja li kienet ilha toqgħod fir-residenza tagħha bosta snin, u minkejja li din ma kinitx l-ewwel darba li niżlet xita qawwija, din kienet l-unika darba li hija sofriet minn ingress tal-ilma fir-residenza tagħha. Ma kien hemm l-ebda forza maġġuri f'dan kollu, għaliex kif intqal diġà, dan l-inċident seta' ġie evitat bi ftit ippjanar u bit-teħid tal-prekawzjonijiet meħtieġa da parti tal-konvenuti. Il-Qorti tqis li għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, anki s-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għall-akkadut, 'il għaliex ma jistax il-Perit tagħha Joseph Cachia, wara li *ex-admissis* stqarr li l-inkarigu li kellu kien li jissorvelja x-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru u li kien responsabbli mis-superviżjoni tal-proġett, imbagħad jasal biex jgħid li ma kienx kompitu tiegħu li jikkonferma li l-*culverts* li kien hemm fil-bidu tat-triq fejn sar il-proġett, baqgħu f'posthom meta tlesta l-proġett.

Jirriżulta wkoll li d-danni pretiżi mill-attur nomine huma ppruvati, u filwaqt li l-ammont ta' sbatax-il elf, mija u wieħed u sittin Euro (€17,161) tħallas lil

Annelise Cilia mis-soċjetà Millenium Insurance Agency Limited, kien hemm ħlas ieħor fl-ammont ta' elf, tliet mija u erbgħa u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,324.97) li sar lil James Magri għar-rapport tiegħu bħala *surveyor*.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tilqa' t-talbiet tal-attur nomine fit-totalità tagħhom.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited u tal-Kunsill konvenut;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur nomine, tiddikjara li l-konvenuti Polidano Brothers Limited, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, u l-Perit John Rizzo Naudi għandhom iħallsu solidalment bejniethom lill-attur nomine s-somma ta' tmintax-il elf erba' mija u ħamsa u tmenin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€18,485.97) konsistenti, inkwantu għas-somma ta' sbatax-il elf, mija u wieħed u sittin Euro (€17,161) rappreżentanti d-danni mħallsa lil Annelise Cilia taħt il-polza tal-assigurazzjoni fuq imsemmija flimkien mas-somma ta' elf, tliet mija u erbgħa u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,324.97) rappreżentanti *survey fees* u *loss adjusting fees* imħallsa mill-attur**

**nomine relattivament għal dan il-każ, u dan għar-raġunijiet fuq premessi;**

3. **Tikkundanna lill-konvenuti kollha sabiex iħallsu solidament bejniethom lill-attur nomine l-imsemmija somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u ħamsa u tmenin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€18,485.97);**

4. **Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali, inkwantu fuq is-somma ta' €17,161 mid-19 ta' Jannar, 2014 u ċioé d-data tas-surroga mogħtija minn Annelise Cilia u inkwantu fuq is-somma ta' €1,324.97 mill-14 ta' Lulju, 2013 u ċioé d-data tal-*invoice* għas-*survey fees* u *loss adjusting fees*, kontra l-konvenuti solidament bejniethom.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**